# QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-3 ta' Novembru 2021**

**Rikors Numru : 216/2021JPG**

**Kawza Numru : 18**

**SB**

**U**

**LC**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors kongunt ta' SB u LC, datat 28 ta' Mejju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu fis-sebgha (7) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) u dan kif jirrizulta mill-annessa kopja tac-certifikat taz-zwieg markat Dok A;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;*

3. *Illi l-partijiet isseparaw minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana, fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B;*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom. Huma ilhom separati de lege sa mit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020);*

5. *Illi ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Għalsaqstant, l-esponenti umilment jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli u ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota tal-kontendenti (Vide Fol 11) li ddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu u lanqas ma ghandhom trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u stiednu lil din Onorabbli Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza.

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**SB (vide affidavit fol 14)** illi hija zzewget lil LC nhar is-7 ta' Gunju 2019 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Xehdet illi fil-fatt isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Sylvana Borg Caruana datat fit-28 t'Awwissu 2020. Tiddikjara li kienu ilhom ma jghixux flimkien mit-28 ta' Frar tas-sena 2020 u tikkonferma li ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni. Tkompli tghid li skont klawsola erbgha (4) tal-kuntratt ta' separazzjoni obbligat ruhha li thallas manteniment fis-somma ta' mitt euro (100) fix-xahar lil LC jew sakemm l-istess LC tingagga ruhha f'impjieg fiss jew sa mhux iktar minn tnax (12)-il xahar, skont liema tavvera ruhha l-ewwel. Tikkonferma li sallum ghadha thallas dan il-

manteniment.

**LC (vide affidavit fol 15)** illi hija zzewget lil SB nhar is-7 ta' Gunju 2019 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Xehdet illi fil-fatt isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Sylvana Borg Caruana datat fit-28 t'Awwissu 2020. Tiddikjara li kienu ilhom ma jghixux flimkien mit-28 ta' Frar tas-sena 2020 u tikkonferma li ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni. Tkompli tghid li skont klawsola erbgha (4) tal-kuntratt ta' separazzjoni SB obbligat ruhha li thallas manteniment fis-somma ta' mitt euro (100) fix-xahar lilha jew sakemm tingagga ruhha f'impjieg fiss jew sa mhux iktar minn tnax (12)-il xahar, skont liema tavvera ruhha l-ewwel. Tikkonferma li sallum ghadha tircievi dan il-manteniment.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-7 ta' Gunju, 2019, liema zwieg jgib c-certifikat numru 1330/2019 (vide Dok A), certifikat taz-zwieg, a fol 2; u li minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar it-28 t'Awwissu 2020 fl-atti tan-Nutar Dr Sylvana Borg Caruana (vide Dok B, a fol 3 et seqq.) Jirrizulta di piu' illi ghexu separatament sa minn Frar 2020, ghaldaqstant, siccome it-talba ghad-divorzju qed issir miz-zewg konjugi, jikkonkorri l-element taz-zmien rikjest mill-ligi ta' ghixien separat tal-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1330/2019 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jigu divizi bejn l-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**